Minuti tas-7 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali Gharb li saret nhar il-Erbgha 9 ta' Dicembru, 2009. Il-laqgha nbdiet hin 4.45pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | Carmen Vella |

**Ufficjali:**

Segretarju Ezekuttiv — Joanne Attard

## 1. Qari, Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tas-6 laqgha.

1.1 Il-Minuti tas-6 laqgha gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

## 2. Xogholijiet tar-Rising Main u resurfacing fi Triq il-Knisja u l-Pjazza.

2.1 Inghatat spjegazzjoni tas-sitwazzjoni prezenti. Gie spjegat illi x-xoghol tal-pumping station huwa temporanjament mizmum minhabba kwistjoni legali relatata mal-art fejn ser isir l-izvilupp. Gie spjegat illi l-kuntrattur tar-rising main ghamel hsara lil wiehed mill-hitan tas-sejjieh li nbnew mill-Kunsill fit-triq ta' Wied il-Mielah izda dan issewwa minnufih mill-kuntrattur stess.

2.2 Is-Sindku spjega illi wara li l-Perit rega iccekja l-istejjem gie ikkonfermat illi l-fondi allokati mill-WSC u Ministeru ghal Ghawdex lill-Kunsill huma bizzejjed biex isiru ix-xogholijiet kif ippjanat li jinkludu l-ewwel kisja tarmak matul Triq il-Knisja, bir-rati tal-kuntratt ezistenti li l-Kunsill ghandu ma Road Construction Co Ltd. u pavimentar tal-Pjazza sas-salib bil-paving blocks normali li jintuzaw fil-bankini kif ukoll il-bankini mill-Fgura sal-Pjazza bil-materjal normali tal-paving blocks skond ir-rata li hemm fil-bill of quantities tal-WSC.

2.3 Fl-ambitu tal-progett holistiku li l-Kunsill qed jimmira lejh ta' rigenerazzjoni tal-pjazza u t-triq principali tal-lokalita', is-Sindku pogga fuq il-mejda xi samples ta' materjal li jista' jintuza' ghall-pavimentar tal-pjazza. Gie spjegat illi jekk il-Kunsill ikun ser juza xi materjal simili jew jekk il-Kunsill jaghzel li jinkludi xi dwal godda jew ilma (funtana) fil-progett ta' rigenerazzjoni tal-pjazza tkun trid tohrog sejha

ghall-offerti peress li l-Kunsill m'ghandux kuntratt ghall-provvista ta' tali xoghol/materjal.

2.4 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandhom jinhargu l-offerti ghall-pavimentar tal-pjazza kif gej: ghall-provvista ta' materjal biss jew materjal u xoghol. Ix-xoghol isir fil-limitazzjonijiet tal-fondi disponibbli u tal-allokazzjoni li jista' jivvota l-Kunsill ghal dan il-progett mill-budget il-gdid.

2.5 Il-Kunsill iddiskuta dwar dwal godda ghall-pjazza u kien hemm qbil dwar il-kuncett li dwal godda ghandhom ikunu energy saving jew jahdmu permezz tal-energija alternattiva. Il-Kunsill iddiskuta ukoll il-possibilita li ssir ghamara gdida fosthom bankijiet u litter bins.

2.6 Is-Sindku spjega illi l-Water Services Corporation hallew xi xogholijiet barra meta hargu l-offerta tar-rising main, izda il-Perit tal-Kunsill kitbilhom u ser dawn ser jinkludhom mal-extras taghhom. Dan jinkludi il-pavimentar ta' Pjazza Gerano.

2.7 Manuel Muscat staqsa dwar il-kanal tal-ilma li jaqsam triq Sdieri fejn is-Sindku spjega illi dan ghandu jsir mill-Kunsill.

2.8 Il-Kunsill iddiskuta il-kanal tal-ilma fi Triq l-Gharb in-naha ta' Triq il-Knisja li nizel. Ser ikun esplorat il-possibilita' li x-xoghol isir mill-MGOZ.

2.9 Is-Sindku spjega dwar it-*trenching permit* tax-xogholijiet ta' rikostruzzjoni ta' Triq ta' Pinu. Gie spjegat illi l-permess gie ghand il-Kunsill ghall-approvazzjoni izda l-Kunsill ghadu ma tax il-*clearance* tieghu peress li xogholijiet li kellhom isiru fl-2006 meta kienet qed issir Triq l-Gharb ghadhom sa llum ma sarux. Dawn ix-xogholijiet huma mehtiega li jsiru qabel ma jibda ix-xoghol fuq Triq ta' Pinu biex jissalvagwardjaw is-sigurta u l-konvenjenza tar-residenti waqt li jkunu qed isiru ix-xogholijiet. Dawn jinkludu dwal fi Triq Sdieri, hajt ta' lqugh u suletta, crash barriers izda gie spjegat illi dawn mhux ser isiru peress illi jaghmlu hsara lill-pont fejn l-ADT issuggeriet illi minflok isiru road humps. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jzomm din il-pozizzjoni li ma jaghtix il-clearance qabel ma jintlahaq ftehim biex dawn ix-xogholijiet isiru minghajr dewmien. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jaghmel talba lill ADT ghar-road humps fi Triq Sdieri u meta jigu approvati ix-xogholijiet ghandhom isiru mill-Ministeru ghal Ghawdex.

2.10 Raymond Cassar staqsa dwar is-shelter tal-pjazza. Is-Sindku spjega illi huwa tkellem ma Kunsilli Lokali ohra li spjegaw illi kien difficli li jiehdu devoluzzjoni. Fil-fatt ix-Xaghra u Nadur fethu is-shelters minghajr ma ghamlu

devoluzzjoni – is-shelters f'dawn il-lokalitajiet jinfethu taht sorveljanza. Gie spjegat illi l-bokok tas-shelter tal-pjazza jinsabu hdejn iz-zuntier fuq in-naha tal-kampnar tal-qniepen iz-zghar u hdejn Giga Mercieca.

2.11 Il-Kunsill iddiskuta dwar gradi li jinhtieg li jsiru fi Triq Birbuba. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom isiru u Manuel Muscat gie inkarigat jiehu il-qisien taghhom.

## 3. Offerta Latrina Pubblika ta' Pinu.

3.1 Giet trattata il-korrispondenza minghand Ruben Camilleri Segretarju Kumitat Festa tal-Vizitazzjoni fejn dawn qed jirtiraw l-offerta tal-latrina pubblika ta' Pinu minhabba limitazzjoni fir-rizorsi taghhom. Il-Kunsill wara diskussjoni qabel unanimament li l-offerta ghandha tinghata lil Charlie Spiteri li tefa' l-irhas offerta.

## 4. Progett ta' Wied il-Mielah.

**4.1** Is-Sindku spjega dwar l-offerti u kwotazzjonijiet li ghalqu fit-3 ta' Dicembru u li fil-prezent qed jigu evalwati fejn il-membri tal-Kunsill kollha kienu mistiedna biex jattendu ghal laqghat tal-bord ta' evalwazzjoni. Gie spjegat li f'uhud mill-offerti/kwotazzjonijiet ma kienx hemm sottomissjonijiet u ghalhekk dawn iridu jergghu jigu ppublikati. Il-board li qed jevalwa l-offerti ser jerga' jiltaqa' il-Gimgha 11 ta' Dicembru, 2009.

**4.2** Saret diskussjoni dwar l-offerta tar-railing tat-tarag li jaghti ghall-bahar, li hija wahda mill-offerti li ser ikun jinhtieg li terga' tigi ppublikata. Kien hemm diskussjoni dwar x'tip ta' materjal ghandu jintuza ghal dan ir-railing. Is-Sindku spjega illi ghall-fini ta' insurance ir-railing ghandu jkun tal-hadid u ta' metru oghli. Raymond Cassar qal li mhux tal-parir li jsir pipe galvanizzat u jigi iwwaldjat.

**4.3** Dwar ix-xogholijiet innifishom gie spjegat illi x-xoghol fuq il-bridges inbeda u x-xoghol fuq it-triq ser jinbeda ukoll fi ftit zmien. Dwar id-dams gie spjegat illi ser jintbaghat ir-rapport mitlub mill-MEPA, liema rapport qed jigi mhejji minn Dr Saviour Scerri sabiex ikun jista' jinghata il-go ahead biex jibda dan ix-xoghol ukoll. Gie diskuss il-fatt li fil-Wied ghadha trid issir it-trinka tal-Enemalta.

**4.4** Raymond Cassar staqsa jekk it-tappieri tad-dranagg hux ser jitbaxxew u s-Sindku spjega illi il-WSC huma tal-hsieb li dawn jitbaxxew sal-livell tal-Wied. Dan huwa xoghol responsabilita ta'l-istess korporazzjoni.

4.5 Manuel Muscat staqsa dwar il-ventijiet tad-dranagg u s-Sindku spjega illi ser isir wiehed hdejn il-palma fi Triq il-Knisja.

4.6 Lisa Brooke staqsiet dwar il-gebel li hemm hdejn ic-cimiterju. Is-Sindku spjega illi dan il-gebel qed jintuza mill-haddiema assenjati mill-pool ta' f'hdan id-dipartiment tal-kunsilli lokali li qed jahdmu fuq il-bini tal-hitan tas-sejjieh f'din it-triq. Il-Kunsill qabel li ghandu jitkompla ix-xoghol fuq il-bini tal-hitan tas-sejjieh fil-parti ta' isfel ta' Triq San Pietru. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jinbena hajt tas-sejjieh fit-triq ta' San Dimitri. Ghal dan il-ghan il-Kunsill qabel illi l-haddiema tal-ETC ghandhom ikomplu jaqtghu il-haxix fi Triq Sdieri u meta jispiccaw imorru jahdmu fuq dan il-hajt tas-sejjieh fi Triq San Dimitri li izomm it-triq fuq l-ghalqa ta' Emanuel Galea.

4.7 Manuel Muscat staqsa jekk it-triq tal-Wileg tnaddfitx mill-haxix hazin fejn is-Sindku spjega illi dan ix-xoghol sar mid-Dipartiment Indafa Pubblika.

4.8 Raymond Cassar issuggerixxa li l-hajt hdejn Pawlu ta' Licia fi Triq Maxwell ghandu jittella mill-haddiema tal-pooling.

4.9 Il-Kunsill iddiskuta dwar it-tiswija tal-farm road Dahlet Maxwell fejn is-Sindku spjega li talab lid-Direttur Portelli jekk din tistax tissewwa min naha tal-Ministeru ghal Ghawdex. Sadanittant il-Kunsill qabel li jitlob stima lill-Perit dwar materjal mehtieg biex tissewwa din it-triq bil-hot rolled asphalt.

## 5. Approvazzjoni ta' hlasijiet.

**5.1** Il-Kunsill approva unanimament il-hlas tal-kontijiet elenkati fl-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## 6. Korrispondenza u materji ohra.

**6.1** Is-Sindku spjega illi fl-assenza tas-Segretarju Ezekuttiv li ser tkun bil-vacation leave ghal xi gimghat jinhtieg li jinhatar deputat Segretarju Ezekuttiv u ppropona lis-Sinjura Johanna Caruana li hija familjari mal-accounts tal-Kunsill peress li normalment taghmel xi xoghol ta' accountancy in konnessjoni mal-eghluq tas-sena finanzjarja. Il-Kunsill qabel unanimament.

**6.2** Is-Sindku spjega illi huwa ser ikun imsiefer ghal zmien il-festi u ghalhekk talab lill-Vici-Sindku jiehu l-kariga fl-assenza tieghu u jattendi ghall-attivitajiet tal-Milied fosthom il-party tat-tfal biex iqassam ir-rigali. Gie spjegat illi x-xorb ghall-party tat-tfal inghata minghand General Soft Drinks bhala sponsorship. Is-Sindku spjega illi fl-assenza tieghu ma jista' jsir xejn li mhuwiex approvat mill-Kunsill u li mhuwiex ser jerfa' responsabilita' ta' affarijiet li jsiru u li ma jkunux approvati.

**6.3** Manuel Muscat staqsa dwar il-progett tal-kumpless sportiv. Is-Sindku spjega illi wara li jsir il-kont tar-resurfacing ta' Triq San Pietru il-Kunsill ikun jista' jivvota ghal dan il-progett skond il-fondi disponibbli mill-allokazzjoni tas-sena d-diehla. Gie spjegat illi is-sena finanzjarja kurrenti ser taghlaq f'Dicembru minflok f'Marzu.

**6.4** Carmen Vella spjegat illi waqt laqgha li attendiet gewwa il-Kunsill Lokali Victoria Dr Chris Said informa illi il-cards tal-mobile lill Kunsilliera jistghu jibqghu jinghataw sa l-ahhar ta' Dicembru, 2009. Wara dakinhar ser tibda tithallas l-allowance lill-Kunsilliera. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat illi hija iccekkjat mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn giet infurmata li bhalissa tista' tibqa' tintuza is-sistema tar-reimbursements. Il-Kunsill qabel unanimament illi ghandha titkompla is-sistema uzata fil-Kunsill precedenti li jinghataw mobile cards lill kunsilliera u ghalhekk ghandhom jinghataw il-cards dovuti bejn Lulju u Dicembru 2009.

**6.5** Saret diskussjoni dwar id-dwal tat-toroq. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill ghandu johrog sejha ghal interess pubbliku ghal proposti dwar skemi ta' energija alternattiva bil-hsieb li l-Kunsill ikun jista' jissussidja parti mill-konsum tad-dawl tar-residenti. Issemmiet il-proposta li l-Kunsill jipprova jissussidja parti mill-kontijiet tad-dawl tar-residenti. Lisa Brooke issuggeriet illi jkunu nkluzi reservoirs tal-ilma. Is-Sindku ippropona illi l-Perit tal-Kunsill ikun inkarigat jaghmel pjan ta' fejn jistghu isiru reservoirs simili. Il-Kunsill qabel unanimament.

**6.6** Il-Kunsill iddiskuta il-kuncett ta' communal parking u l-problema ta' parking li tinholoq fil-weekends meta jkun hawn influss ta' residenti barranin.

**6.7** Raymond Cassar issuggerixxa illi fl-isqaq fi Triq il-Madonna tal-Virtu ghandha tehel tabella ta' no parking. Il-Kunsill qabel unanimament.

**6.8** Is-Sindku semma ir-rapport li qed isir minn Bjorn Bonello liema rapport ghandu jindika il-postijiet ta' parkegg li huma disponibbli. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir proposta ghal progett pilota ta' skema ta' parkegg ghal Triq Birbuba u tintbaghat lill ADT ghall-approvazzjoni.

**6.9** Manuel Muscat gibed l-attenzjoni illi fi Triq Birbuba id-dwal tat-toroq jinsabu kwazi kollha mitfija. Huwa staqsa dwar is-survey tal-lampi tat-toroq fejn gie spjegat illi l-iskrivana tal-Kunsill qed tahdem fuq dan is-survey. Is-Sindku spjega illi ser jigi iffurmat Kumitat Kongunt wiehed li ser ikun iccerjat minn Samuel Azzopardi. Gie spjegat ukoll illi l-offerta tad-dwal tat-toroq suppost harget.

**6.10** Is-Sindku ppropona illi l-Kunsill ghandu jikkunsidra li jaghmel id-dwal tat-toroq LEDs li jkollhom garanzija ta' 10snin.

**6.11** Il-Kunsill iddiskuta il-ground tal-futbol fejn gie spjegat illi l-lasti ser jehlu mill-handyman tal-Kunsill Leli Saliba u li l-haxix hazin ser jinghata il-bexx.

**6.12** Il-Kunsill iddiskuta il-qtugh ta' haxix minn passagg li minn Sqaq il-Fgura jiehu ghal Triq ta' Pinu fejn gie deciz li tingibed l-attenzjoni ta' Dipartiment Indafa Pubblika biex dan jitnaddaf mill-iktar fis.

**6.13** Il-Kunsill iddiskuta il-hlas lil Louis Olivieri tax-xoghol tieghu in konnessjoni ma gbir ta' sponsors ghal Seher il-Punent. Il-Kunsill qabel li jhallas lis-Sur Olivieri bir-rata ta' 9% fuq sponsors migbura ghall-ammont ta' €720.00.

**6.14** Giet trattata il-korrispondenza segwenti:-
Mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali:-
Cirkulari dwar tigdid tal-polza ta' l-assikurazzjoni tal-flus. Il-Kunsill qabel unanimament li din ghandha tigi mgedda.

**6.15** irkulari fir-rigward ta' l-email addresses tal-Kunsilliera u fir-rigward ta' invoices minghand il-WasteServ.

**6.16** Mill-MEPA il-dokument tal-permess PA05610/07 li jinkludi r-rijabilitazzjoni tat-tieni fazi ta' Wied il-Mielah.

**6.17** Mill-Kunsill Nazzjonali taz-Zghazagh fir-rigward tal-Parlament Nazzjonali taz-Zghazagh.

**6.18** Mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'Dizabilita' fir-rigward tal-Gimgha tal-Persuni b'Dizabilita'.

**6.19** Mill-Gaulitanus Choir fir-rigward ta' proposta sabiex jittella kuncert tal-Milied fil-Knisja tal-Gharb. Il-kunsill ma qabilx li dawn ghandhom jaghmlu dan is-servizz.

**6.20** Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:-
Applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp PA4419/09.
Avviz biex tieqaf u ta' Twettiq ECF1052/09.
Gbir ta' skart domestiku permezz ta' 'Refuse Collection Vehicles'.

**6.21** Mill-Maltapost plc fir-rigward tal-fergha tal-posta ta' l-Gharb.

**6.22** Minghand Casa Rocca Piccola fir-rigward ta' Offerti Specjali ghall-Guided Tours.

**6.23** Minghand Buffalo Bill's Steak House fir-rigward ta' offerti specjali.

**6.24** Mill-Arcipriet tal-Qala fir-rigward ta' invit ghal attivita' socio-kulturali li ser tigi organizzata fit-13 ta' Dicembru.

**6.25** Mill-Bord ta' l-Evalwazzjoni fir-rigward ta' Skema Fondi ghall-Progetti Specjali fejn il-Kunsill gie infurmat li l-applikazzjoni tieghu ma gietx ikkunsidrata eligibbli.

**6.26** id-Dipartiment tal-Gvern Lokali:
Memo 75/2009 dwar disposal fees godda ghar-rimi ta' l-iskart.
Memo 76/2009 dwar Haddiema IPSL.
Memo 77/2009 dwar sit Elettroniku www.lc.gov.mt
Memo 78/2009 dwar gheluq tas-Sena Finanzjarja.
Memo 79/2009 dwar Mistoqsijiet Parlamentari Numru 12455, 12455 u 12574.
Memo 80/2009 dwar Pubblikazzjoni ta' Bye-Laws ta' 2009 li jirregolaw il-karozzini gewwa l-Imdina (Kunsill Lokali Imdina).
Memo 81/2009 dwar Tqassim ta' Memos lill-Kunsillieri u Avvizi u Kwotazzjonijiet fil-Gazzetti.
Memo 82/2009 dwar Ftuh ta' Ufficini Amministrattivi.
Memo 84/2009 dwar Allokazzjoni Finanzjarja ghas-Sena 2010.

**6.27** ill-Onorevoli Dr. Chris Said fir-rigward ta' laqgha ta' djalogu li ser issir fl-14 ta' Dicembru gewwa Kastilja.

**6.28** Mill-Gozo College Agius de Soldanis Girls Junior Lyceum and Secondary School fir-rigward tal-progett 'Ilwien'. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel ittra ta' support ghal dan il-progett

**6.29** Minn ta' Kana dwar il-konkors Familja Qalb tad-Deheb 2009. Il-Kunsill qabel unanimament li jinnomina lil Pawla Grima kif ukoll lil Familja Debrincat u lil Familja Micallef.

**6.30** Il-Kunsill qabel li ghandhom jigu ppublikati l-offerti ghal avukat u perit tal-Kunsill.

**6.31** Is-Sindku spjega illi l-kuncert tal-banda ser isir fl-20 ta' Dicembru fis-6.00pm u l-membri kollha huma mistiedna.

**6.32** Il-Kunsill iddiskuta proposta ta' ftehim dwar l-uzu tas-sala tal-iskola li jista' jintlahaq bejn il-Kunsill u l-iskola primarja. Il-ftehim ikun jinkludi l-uzu tas-sala tal-iskola mill-Kunsill innifsu u minn ghaqdiet lokali u l-Kunsill min naha tieghu jikkontribwixxi favur it-titjib tas-sala permezz tal-provvista ta' purtieri godda.

**6.33** Gie deciz li l-laqgha tal-Kunsill li jmiss ser issr hekk kif jasal is-Sindku jasal lura mis-safar. Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-laqgha spiccat hin 8.15pm. Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv